**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Lulju 2021;**

**Rikors nru: 200/21 AGV ;**

**AB (K.I. Numru 321277 M) u**
**CB (K.I. Numru 397383 M)**

**Vs**

**X**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors konguntiv, datat l-20 ta' Mejju 2021, fejn iz-zewg partijet, AB u CB , esponew bir-rispett;

1. Illi l-partijiet izzewwgufil-31 ta' Mejju tas-sena 2009, u dan kif jirrizulta mill-annessa kopja tac-certifikat taz-zwieg, immarkat Dok A.

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied, li huma  D li llum ghandha hdax-il sena u E li llum ghandu tminn (8) snin;

3. Illi l-partijiet kienu sseparaw legalment permezz ta kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta' Frar tas-sena 2015, fl-atti tan-Nutar Dr. Jean Carl Debono, u dan minn kif jidher mill-kopja tal-istess kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B;

4. Illi minn kif jidher minn pagna 2 paragrafu numerat 4 tal-istess kuntratt ta' separazzjoni, il-partijiet kienu rrinunzjaw li jitolbu manteniment minghand xulxin, liema rinunzja ddikjaraw li hija definittiva u tibqa' vigenti ghal dejjem anke jekk ic-cirkostanzi ta' partii jew ohra, jinbidlu minhabba ragunijiet ghal kwalsiasi raguni li ma jiddependux minnu jew minnha;

5. Illi f'dak li jirrigwarda l-manteniment li l-missier jivversa lill-omm versu l-ulied, irid jigi dikjarat li ma hemmx kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet versu l-ulied u dan ghaliex il-missier jivversa lill-omm, l-ammont ta' manteniment miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni legali u dan kif stipulate f'pagna 3 paragrafu mmarkat vi;

6. Illi in vista li r-rikorrenti ilhom aktar minn erba' (4) snin legalment separati, ma hemmx possibilita' ta' rikonciljazzjoni u l-obbligazzjonijiet assunti fil-kuntratt ta' separazjoni, fosthom il-manteniment, kollha qed jigu onorati, ir-rikorrenti jidhrilhom li huma jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tal-hall taz-zwieg, skont l-Artikolu 66B, tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti, sabiex:

Tippronunzja l-hall taz-zwieg ossija d-divorzju bejn il-partijiet;

Tawtorizza lir-rikorrenti CB, tirreverti ghal kunjom xbubitha li huwa F;

Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bis-sentenza finali li tippronunzja tali bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

**DECIDE:**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella** — **Imhallef**

**Cettina Gauci** — **Dep. Reg.**